# ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Lir-Rev. Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## JUM IL-KARITÀ 2015

Nhar il-Ħadd, 19 ta' April 2015, b'inizjattiva tas-Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità , fl-Arċidjoċesi tagħna se niċċelebraw Jum il-Karità bit-tema **GĦANDI BŻONNOK ... GRAZZI.**

Fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 18 u 19 ta' April, se ssir il-ġabra għall-Ħidmiet u Djar ta' Karità li l-Knisja għandha f'Malta. Fl-istess ġranet fil-knejjes kollha se jkun hemm kaxxi li fihom jistgħu jitqiegħdu ikel u oġġetti oħra utli biex jitqassmu fid-Djar tal-Knisja għat-Tfal, għaż-Żgħażagħ u għall-Persuni b'diżabilità, skont kif qed jiġi indikat lil kull Parroċċa. Tista' ssir offerta ukoll permezz ta' envelope li qed jitqassam mal-magażin FLIMKIEN, kif ukoll permezz ta' SMS.

Il-flus miġbura jitqassmu, skont fejn l-aktar ikun hemm ħtieġa, biex jiġu megħjuna d-diversi Djar u ħidmiet ta' Karità li l-Knisja f'Malta hi impenjata fihom. Fost dawn hemm id-***Djar li jilqgħu tfal li fit-trobbija tagħhom sabu ruħhom f'diffikultajiet serji u familji li jkunu għaddejjin minn vjolenza fid-dar; is-Servizzi ta' CARITAS MALTA; id-Dar tal-Providenza; id-Djar għall-Anzjani; is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika u l-ħidma mar-refuġjati li qed jagħmel is-Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu.***

Bl-għajnuna ġeneruża li nagħtu lil dawn id-Djar u ħidmiet ta' Karità li aħna, bħala Knisja, qegħdin inżommu f'Malta, inkunu qegħdin naqdu lil Kristu Gesu' f'ħutna li jinsabu fil-bżonn. Fl-istess ħin inkunu nfissru l-apprezzament tagħna lejn dawk li jmexxu dawn id-Djar u ħidmiet kif ukoll nagħmlu kuraġġ lil dawk li jaħdmu fihom bil-qalb u b'sagrifiċċju bħala volontiera jew impjegati. Il-Mulej ibierek u jippremja kull sagrifiċċju li nagħmlu biex infissru b'mod prattiku l-imħabba tagħna.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex f'isem Monsinjur Arċisqof nirringrazzja lil dawk kollha li permezz ta' ħidma ta' volontarjat u ta' offerti materjali matul is-sena jgħinu fil-ħidmiet Soċjali u ta' Karità li tmexxi l-Knisja f'Malta.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 1 ta' April 2015.

| | |
|---|---|
| Lawrence Gatt | Joe Galea Curmi |
| Kanċillier | Vigarju Ġenerali |